Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 136/2015

**Schembri Infrastructures Limited (appellata)**

**Vs**

**The General Soft Drinks Limited (appellanti)**

22 ta' Novembru, 2016.

1. Permezz ta' avviz ta' talba prezentat fl-20 ta' Frar 2015, l-attrici harket lill-konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €2,383.71 bilanc ta' prezz ghal tarmac works li saru fuq inkarigu tal-konvenuta.

2. Il-konvenuta wiegbet li l-azzjoni hi preskritta skond l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

3. B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2015 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni.

4. B'sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal ikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €2,383.71.

5. Il-konvenuta appellat mis-sentenzi. L-aggravju hu li mill-provi kien irrizulta li t-terminu ta' preskrizzjoni kien ghadda u ma kienx hemm rinunzja jew interruzzjoni tal-istess.

6. L-attrici wiegbet.

**Fatti.**

7. Fil-qosor dawn huma:

   7.1 Il-konvenuta kellha thallas lill-attrici s-somma ta' €109,449.28.
   7.2 Fit-22 ta' Mejju, 2009 il-konvenuta hallset is-somma ta' €61,774.98.
   7.3 Permezz ta' email datata 20 ta' Jannar 2010, il-konvenuta talbet lill-attrici sabiex ikun hemm 5% *retention* (fol. 23).
   7.4 Fit-8 ta' Frar, 2010 il-konvenuta hallset is-somma ta' €45,290.59.
   7.5 Fit-3 ta' Frar 2011 l-attrici harget kont ghall-hlas tal-bilanc, €2,381.71 (fol. 2), cjoe' l-bilanc li kien ghad fadal u li nzamm bhala *retention*.

7.6 B'email datata 8 ta' Ottubru, 2014 l-attrici talbet il-hlas tal-bilanc. Il-konvenuta talbet li tintbaghat kopja tal-kont.
7.7 Fil-15 ta' Dicembru 2014 l-attrici pprezentat ittra ufficjali li biha nterpellat lill-konvenuta biex thallas il-bilanc.
7.8 Fl-20 ta' Settembru 2015 l-attrici pprezentat il-kawza.

**Konsiderazzjoni tal-aggravju.**

8. Fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, it-Tribunal qal:

*"Issa l-email, li, kif accettat mill-kontendenti iridu jitqiesu bhala prova juru (ara Dok. RB4 a fol. 21) komunikazzjoni bejn Rodianne Brincat u Brian Galea, matul ix-xahar ta' Novembru 2014 fejn dan qed jitlob kjaraifikazzjonijiet li ovvjament jinterrompu kull zmien preskrittiv li issa trid tintrinceja ruhha warajh is-socjeta konvenuta. Din l-imgieba hi ghal kollox differenti minn wahda ta' cahda totali da parti ta' debitur, kif ghandu jkun hemm biex tirnexxi d-difiza tal-preskrizzjoni........"*

9. It-Tribunal qal li ghall-kaz in ezami tapplika l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. L-attrici ma kkontestatx li din id-disposizzjoni tapplika ghal dan il-kaz.

10. M'hemmx kontestazzjoni li l-perjodu tal-preskrizzjoni beda jiddekorri miz-zmien li l-attrici talbet il-hlas tas-somma €2,383.71, igifieri Frar 2011 (fol. 2).

11. Fit-twegiba l-attrici rreferiet ghall-Artikolu 2152(2) tal-Kodici Civili. Din id-disposizzjoni mhijiex rilevanti in kwantu tapplika meta jkun hemm kontinwazzjoni ta' xoghlijiet u fejn ikun hemm kont accettat bil-miktub jew dikjarazzjoni ohra bil-miktub tad-debitur. F'dan il-kaz ma kienx hemm kontinwazzjoni ta' fornituri u lanqas kont accettat bil-miktub min-naha tal-konvenuta.

12. L-attrici ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza **Montebello Enterpriese Limited vs Paolo Soldi et** tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Novembru 2015 u qalet:

*".... peress illi l-konvenuti ma kkonfermawx bil-gurament taghhom illi l-ammont mitlub ma kienx dovut jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa, cahdet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati minnhom".*

Meta konvenut jaghti eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva, m'ghandux obbligu li jixhed. Tant hu hekk li l-ligi fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili tikkontempla l-ghoti ta' gurament lil min jecepixxi l-preskrizzjonijiet qosra (gurament decizorju). Gurament li jista' jinghata biss fuq talba tal-attur (ara sentenza **Schembri vs Chircop** tal-14 ta' Jannar, 1955 – Vol. XXXVIII.i.54).

13. Debitur jista' jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. Min-naha l-ohra l-kredituri jistghu jinterrompu l-preskrizzjoni. Rinunzja tista' tkun tacita, pero' trid tkun cara. Li titlob taghrif, bhal kejl jew kopja ta' kont ma jfissirx li sehhet rinunzja tal-preskrizzjoni. Irrizulta li fit-3 ta' Novembru 2014, Brian Galea (impjegat tal-konvenuta) baghat email lil Rodianne Brincat (impjegata tal-attrici) fejn qal:

*"Do you have a copy of the original invoice related to these works – **ie the 95% of this payment.**"*

Fil-fehma tal-qorti dawn il-kliem jistghu jiftehmu bhala rikonoxximent tal-konvenuta li kient hallset biss 95%. Dikjarazzjoni li fiha nnifisha timplika li l-konvenuta kienet qeghda taccetta li kien ghadu ma thallasx 5% mill-kont originali. Mhuwiex rilevanti kemm kien l-ammont li kien dovut. Li hu mportanti hu jekk il-konvenuta kinitx qeghda taccetta li kien hemm hlas, hu kemm hu, li ghad irid isir lill-attrici ? Il-qorti ma tistax tifhem mod iehor il-kliem ***"ie the 95% of this payment"***. F'dan il-kaz id-debitrici ma llimitatx ruhha biex titlob li jintbaghat il-kont, f'liema kaz il-konkluzjoni kienet tkun differenti. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva ma tistax tirnexxi.

14. Il-konvenuta argumentat li Brian Galea ma kienx ir-rapprezentant guridiku tas-socjeta konvenuta. Semmai din il-kontestazzjoni kellha ssir quddiem it-Tribunal. F'kull kaz ir-realta' tibqa' li mill-emails hu evidenti li Galea kien inkarigat mis-socjeta konvenuta sabiex jiehu hsieb il-kwistjoni. M'hemm l-ebda hjiel, u lanqas mhu verosimili, li Galea qabad u ha l-inizjattiva li jindahal f'din il-kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

Anthony Ellul.